**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Carmelo Azzopardi**

**Illum is-6 ta' April 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' **Carmelo Azzopardi** iben Carmelo Azzopardi u Maria Dolores Azzopardi, imwieled Qormi, Malta nhar is-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elf disa mija tmienja u hamsin (1958) u residenti fil-fond bin-numru 93, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk Malta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0764558M bhala Kaptan tad-dghajsa 'Sant Anna' bir-registrazzjoni MFC 1489, akkuzat talli nhar id-disa u ghoxrin (29) ta' Settembru elfejn u ghoxrin (2020) u fil-granet u gimghat ta' qabel din id-data, fil-gzejjer u fl-ibhra territorjali Maltin, b'diversi atti maghmula minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Lil Carmelo Azzopardi (K.I. 0764558M) li kien qieghed jagixxi bhala kaptan tad-dghajsa 'Sant Anna' bir-registrazzjoni numru MFC 1489 talli kien qieghed jopera u kien fil-kmand tal-imsemmija opra tal-bahar 'Sant Anna', minghajr licenzja valida ai termini tar-regolament 5 tal-L.S. 425.07 tal-Ligijiet ta' Malta u tali ksur jikkostitwixxi reat taht ir-Regolament 22 tal-imsemmija ordni cioe SL. 425.07

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas il-kost u l-ispejjez skont l-artikolu 31(4) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas il-kost u l-ispejjez skont l-artikolu 31(4) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex joghgobha tordna u timponi l-provvedimenti skont l-Artikolu 30(2) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tal-konfiska favur il-Gvern tal-prodotti tas-sajd u l-kost u spejjez u dan dejjem kont dawk il-provvedimenti li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni li tordna u timponi.

Rat l-atti kollha;

Semghet ix-xhieda jixhdu fis-seduta tat-28 ta' Frar 2022 u rat id-dokument esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-qua imputat kien flimkien ma persuna ohra fuq il-bastiment bin-numru ta' registrazzjoni MFC 1489 bl-isem *Sant Anna* fl-inhawi ta' Kalifrana. Huwa gie mwaqqaf minn ufficjali fi hdan l-Armata ghal spezzjoni ta' rutina. Minn dina l-ispezzjoni irrizulta li l-qua imputat ma kellu l-ebda dokumenti fuqu hlief il-karta tal-identita' tieghu. Minn verifiki li saru wara mad-Dipartiment tas-Sajd irrizulta li is-sid tal-Bastiment kien certu Kenneth Grech. Il-qua imputat ma kien bl-ebda mod imnizzel bhala kaptan ta' dik il-lanca. Fil-fatt il-qua imputat kien qal lill-ufficjali li ghamlu l-ispezzjoni li huwa ma kienx is-sid tad-dghajsa.

Illi minn verifiki li saru mir-registru tal-Fisheries jidher li din id-dghajsa partikolari xi jiem qabel kienet giet trasferita fuq isem Kenneth Grech minghand Joseph Bugeja. Fil-fatt fid-data tal-imputazzjoni l-licenzja tal-bastiment kienet mizmuma mid-Dipartiment tal-Fisheries.

Permezz tal-imputazzjoni odjerna il-qua imputat gie akkuzat talli kien qed jagixxi bhala Kaptan tad-dghajsa 'Sant Anna' minghajr licenzja valida ai termini tar-regolament numru 5 tal-Ligi Sussidjarja 425.07 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi regolament jistipula:

> *Is-sid jew noleġġatur jew kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu japplika għar-reġistrazzjoni u liċenzja ta' bastiment billi juża l-formola indikata fl-Iskeda I.*

Illi dan l-artikolu jirrigwarda ir-registrazzjoni tal-bastiment u mhux ir-registrazzjoni tal-kaptan fuq il-bastiment. Fil-fatt mill-provi mressqa jirrizulta li l-qua imputat ma kienx imnizzel bhala kaptan fuq ir-registrazzjoni tal-bastiment in kwistjoni madanakollu l-istess bastiment kien registrat u fil-fatt kienet saret applikazzjoni ghal trasferiment tal-bastiment bejn Joseph Bugeja u Kenneth Grech. Ghaldaqstant dina l-imputazzjoni hekk kif dedotta ma tirrizultax pruvata.

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti qed tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur